**MINUTI**

**Laqgħa tar-Reġjun Ċentru**

## Laqgħa Nru. 72/2016

Data: It-Tlieta 19 ta' Lulju 2016

Hin: 5:30p.m.

Post: Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann SGN1660

---

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Michael Fenech Adami – *President*<br>Stefan Cordina– *Viċi President*<br>Paul Radmilli – *Kunsillier tas-Sliema*<br>Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku l-Imsida*<br>Rita Borg – *Viċi Sindku Birkirkara*<br>Magda Magri Naudi – *Sindku Hal Lija*<br>Conrad Borg Manche – *Sindku l-Gżira*<br>Andre' Grech – *Viċi Sindku Hal Balzan*<br>Guido Dalli – *Sindku San Ġiljan*<br>Dominic Cassar – *Kunsillier San Ġwann*<br><br>Jeanette Galea – *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | Stephen Sultana – *Sindku Santa Venera*<br>Keith Tanti – *Sindku tal-Pietà'*<br>Anthony Dalli –*Sindku l-Iklin* |
| Assenti: | Maximillian Zammit – *Sindku Ta' Xbiex* |

---

'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Gwann SGN 1660
Tel: +356 21374378 Fax: +356 21374367

# AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mill-President;
4. Korrispondenza;
5. Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report* għal perjodu April sa Ġunju 2016;
6. Approvazzjoni tar-*Reply of Management Letter*;
7. Preżentazzjoni tar-rapporti mis-Sur Mario Camilleri, mill-A.M.E Health & Safety Services Ltd.;
8. Mistoqsijiet;
9. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
10. Affarijiet Ohra;
11. Aġġornament.

# Minuti - 72/2016

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresieda.

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 71 li saret nhar il-Ħamis 16 ta' Ġunju 2016 kienu meħuda bħala moqrija.

1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondat mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti

**Punti mqajma mill-Minuti**

2.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, attendew għal-laqgħa mal-Ministru l-On. Dott. Owen Bonnici nhar il-Ġimgħa 15 ta' Lulju 2016.

2.2 Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti r-rappreżentanti tal-LESA, is-Sur Ray Zammit flimkien mas-Sinjura Elizabeth Vassallo, kif ukoll il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Dott. Marc Sant, u s-Sur Mario Fava, flimkien mal-Presidenti u s-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni. Dott. Samuel Azzopardi u s-Sur Jesmond Aquilina ma kinux preżenti għal din il-laqgħa.

2.3 Il-President spjega kif f'din il-laqgħa s-Sinjura Vassallo spjegat li ser jitħallsu l-ispejjeż tat-Tribunal u kif fil-jiem li ġejjin, ir-Reġjun ser jirċievi direttiva mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan kif ukoll ser jirċievi l-pagamenti tas-salarji li nħarġu. L-Onorarja tal-President ukoll ser tkun rifuża mas-salarji.

2.4 Wara sagħtejn ta' diskussjoni, kien hemm deċiżjoni li l-AKL għandha tiltaqa' mal-Presidenti u s-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni. Però, is-Sur Mario Fava, oġġezzjona fuq il-fatt li jattendu s-Segretarji Eżekuttivi.

2.5 Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre Grech, spjega kif miċ-ċitazzjonijiet li jaqla' personalment, irrealizza li meta wieħed ma jitlax għat-tribunal, il-multa qed tirdoppja mill-ewwel.

***17:45pm – il-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, wasal għal din il-laqgħa.***

2.6 Is-Sur Michael Fenech Adami kompla jispjega kif fil-laqgħa huwa staqsa lil-LESA għal liema raġuni kienu ġew ikkanċellati multi li jaqgħu taħt ir-Reġjun.

2.7 Is-Sinjura Vassallo qalet li dawn il-multi ma kinitx taf bihom u li kienet ser tiċċekkja jekk kienx sar xi ftehim bejn il-LESA u l-persuni kkonċernati sabiex jitħallsu l-multi eżistenti. Però s'issa dan ir-Reġjun għadu ma ngħata l-ebda risposta.

2.8 Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti sabiex jitqassmu l-flus li nġabru mill-multi pendenti wara li ntbagħtu l-ittri legali. L-ewwel jitqassam 2.5% bejn kull Kunsill Lokali u l-kumplament jitqassmu skont fejn ingħatat il-kontravenzjoni.

2.9 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, spjega li fil-preżent kull Kunsill Lokali għandu defiċit fil-ġbir taż-żibel u t-tindif fil-lokal u għal din ir-raġuni staqsa jekk il-Kunsill Lokali jistax juża l-fondi mis-sistema tal-LESA sabiex isir aktar ġbir ta' żibel u aktar knis fil-l-lokalità'.

3.0 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li l-flus mgħoddija mis-sistema ta' l-LESA ma jistgħux jintużaw b'dan il-mod. Il-flus għandhom jintużaw għal proġetti fir-raħal. Is-Sur Fenech Adami reġa' fakkar lill-membri sabiex kull Kunsill jara li jkun hemm l-approvazzjoni tar-Reġjun qabel ma jsir il-proġett.

3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, issuġġerixxa li għandu jkun hemm sejħa mir-Reġjun sabiex jitpoġġew *mobile toilets* fix-xatt ta' San Ġiljan, tas-Sliema, Ta' Xbiex, l-Imsida u l-Gżira għax-xhur tas-sajf. Dan sabiex wieħed jipprevjeni milli jkun hemm aktar ħmieġ minħabba nuqqas ta' *public toilets.*

3.2 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, tiġbor tliet kwotazzjonijiet u tippreżentahom fil-laqgħa li jmiss.

3.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega kif fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, kien hemm qbil li is-Segretarju Ezekuttiv għandha tara liema Kunsilli Lokali taħt dan ir-Reġjun għandhom is-sistema tal-permessi mill-kumpanija Lornit. Jirriżulta li erba' (4) Kunsilli Lokali minn tlettax (13) għandhom din is-sistema.

3.4 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex jerġgħu jistiednu lis-Sur Stephen Zammit mill-kumpanija Lornit sabiex jiġu ċċarati xi punti qabel ma r-Reġjun jieħu deċiżjoni.

## 3. Komunikazzjoni mill-President

**Komunikazzjoni mill-President**

Xejn.

## 4. Korrispondenza

**Korrispondenza**

4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti li aktar kmieni filgħodu dan ir-Reġjun ġie infurmat permezz ta' e-mail mingħand s-Sur Michael Cohen li l-Perit Audrey Testaferrata De Noto għandha rwol ġdid fi ħdan il-Ministeru u għaldaqstant mhux se tkun f'pożizzjoni li tirrispondi għad-domandi. L-email tgħid "Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Sur Silvio Scerri. Qed isir ristrutturar intern sabiex it-talbiet tagħkom ikunu mwieġba u fejn huwa possibbli jkunu indirizzati fl-anqas żmien possibbli. Sabiex dan ikun jista' jseħħ se jkunu qegħdin jittieħdu miżuri ġodda li għandhom jiffaċilitaw il-proċess. Dan qed isir f'koordinament sħiħ mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u aktar 'il quddiem se nkunu qegħdin nikkomunikaw lilkom dawn il-miżuri li se nkunu qegħdin indaħħlu."

4.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda ittra mingħand is-Sinjura Claire Goodlip sabiex titlob lir-Reġjun jara l-multi pendenti li għandha fuq il-vettura tagħha. Is-Sinjura Goodlip għandha kont ta' €1664.36 u talbet sabiex tħallas €1000.00 u l-kumplament jinħafru.

4.3 Il-President spjega li r-Reġjun ma jistax jikkanċella jew jaħfer multi u li s-Sinjura Goodlip għandha d-dmir li tħallas iċ-ċitazzjonijiet. Il-kumplament tal-multi għandhom jitħallsu fi żmien xahrejn. Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Galea, għandha tinforma lis-Sinjura Goodlip dwar din id-deċiżjoni.

## 5. Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*

**Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report***

5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, stieden lill-accountant, is-Sur Daniel Galea, sabiex jagħti l-ispjegazzjoni tiegħu dwar it-tieni kwart tas-sena 2016 (April 2016 sa Ġunju 2016).

5.2 L-Accountant, is-Sur Daniel Galea, spjega kif kien intqal fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun, li s-sitwazzjoni finanzjarja tar-Reġjun għadha kif kienet. Dħul ma kienx hemm u ħruġ ivarja minn pagi tal-istaff li jammontaw għal madwar €40,000 kull kwart u spejjeż oħra li jinkludu l-operat tat-Tribunal li għadha spiża tar-Reġjun u nfiq kapitali.

5.3 Wara l-ispjegazzjoni dettaljata mis-Sur Galea, il-President, is-Sur Michael

Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm xi mistoqsijiet mingħand il-membri preżenti.

5.4 Il-Viċl Sindku ta' Birkirkara, is-Sinjura Rita Borg, staqsiet kif il-Kunsill Lokali tal-Pietà' kien ħareġ l-ittri legali sabiex jinġabru l-multi.

5.5 Il-President spjega li l-Pietà' kien għamel din il-biċċa xogħol qabel ma l-LESA kienet daħlet fis-seħħ u huwa ġabar ukoll dawk il-multi pre-Reġjonali li huma dovuti lilu. Bħala Reġjun bdejna b'dan il-proċess fuq l-approvazzjoni tal-LESA.

5.6 is-Segrejtarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, spjegat li l-LESA ġabret total ta' €5792.66 u min dawn il-LESA għaddiet il-pagamenti dovuti.

## 6. Approvazzjoni tar-Risposta għal-*Management Letter*

**Approvazzjoni tar-Risposta għal-*Management Letter***

**6.1** Il-*Management letter* flimkien mar-risposta intbagħtu mis-Segretarju Eżekuttiv lil kull membri qabel il-laqgħa u kienu meħuda bħala moqrija.

**6.2** Il-Kunsillier, is-Sur Paul Radmilli, staqsa lis-Sur Daniel Galea jagħti spjegazzjoni dwar punt 7.3 fil-*Management Letter*.

**6.3** Is-Sur Daniel Galea spjega li l-awdituri rrimarkaw li meta rrikonċiljaw sal-aħħar tas-sena 2015 u ma' dawk li l-Kunsilli Lokali, l-awdituri rrimarkaw li l-Kunsilli Lokali għandhom jridu jirċievu ħlasijiet tal-*Commission* mir-Reġjun, u għal din ir-raġuni kien hemm xi deskripanza. Dan jista' jkun minħabba li r-Reġjun ikun ħareġ il-pagament pero l-Kunsill Lokali ma jkunx għadu ssarraf l-pagament.

**6.4** Is-Sur Galea kompla jispjega li rigward dan il-punt, ir-Reġjun qed jara li kull Kunsill Lokali jingħata l-pagamenti pendenti kif suppost.

**6.5** Ir-Risposta ġiet approvata unanimament fuq proposta tal-Kunsillier ta' tas-Sliema, is-Sur Paul Radmilli, u sekondat mill-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur Andre' Grech.

## 7. Preżentazzjoni tar-Rapporti mis-Sur Mario Camilleri, mill-A.M.E. Health & Safety Services Ltd.

**Preżentazzjoni tar-Rapporti mis-Sur Mario Camilleri, mill-A.M.E. Health & Safety Services Ltd.**

7.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, stieden lis-Sur Mario Camilleri sabiex jagħti spjegazzjoni fuq l-ewwel rapport li saru fix-xahar ta' Ġunju 2016 rigward il-permessi ta' *tower cranes* u *scaffoldings*.

7.2 Is-Sur Camilleri spjega lill-membri preżenti li meta għamlu l-inspezzjonijiet,

iltaqgħu ma' problemi kbar u għal din ir-raġuni talab sabiex ikun preżenti waqt din il-laqgħa sabiex flimkien tiġi stabilita proċedura dwar dawn ir-riżultati. Żied jgħid ukoll li meta jinħareġ permess mill-Kunsill Lokali, fil-permess għandu jibda jkun hemm imniżżel *e-mail address* tal-persuna li ġiet tagħmel il-permess. Ir-raġuni għal dan huwa sabiex jekk is-Sur Camilleri jew rappreżentant tiegħu jsibu xi nuqqasijiet waqt li tkun qed issir l-inspezzjoni, dak inhar stess tintbaghat e-mail lill-persuna kkonċernata sabiex jirregolarizza ruħu f'mhux aktar minn tlett ijiem. Jekk wara tlett ijiem l-ispezzjoni s-sitwazzjoni tiġi kif kienet, ir-rapport jintbagħat lill-OHSA.

7.3 Is-Sur Camilleri kompla jgħid li fl-Avviż Legali 36/2012, hemm spjegazzjoni dwar il-multi u fuq is-sit www.hsc.gov.uk wieħed jista' jsib id-dokument fejn l-OHSA tieħu responsabilità ta' ċertu konstruzzjoni u l-kumplament jaqa' f'idejn ir-responsabilità tal-Kunsilli Lokali. Fl-Avviż Legali 10, il-multi jistgħu jinħarġu mingħand il-Kunsill.

7.4 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex ir-rapport mingħand l-A.M.E. jibda jintbagħat lill-Kunsill Lokali rispettiv u jekk il-persuna kkonċernata ma tirregoloax ruħha fi żmien ta' tlett ijiem, ir-rapport jintbagħat lill-OHSA.

***Fis-7:05pm – Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, skuża ruħu sabiex jitlaq mil-laqgħa minħabba impenn ieħor.***

7.5 Is-Sur Mario Camilleri żied jgħid ukoll li għandu jkun hemm attenzjoni fuq il-kuntratturi tal-Kunsilli Lokali, bħal fosthom, il-waste collectors fejn il-maġġoranza mhux qed jilbsu l-ħwejjeġ protettiv. Għal din ir-raġuni, kull Kunsill Lokali għandu jibgħat ittra lil dawn il-Kuntratturi sabiex huma wkoll ikunu qegħdin jimxu skont il-liġi.

7.6 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, irringrazzja lis-Sur Camilleri.

## 8. Mistoqsijiet

Mistoqsijiet

8.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet mingħand il-membri preżenti.

8.2 Is-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament rigward il-ħlas dovut lit-Tribunal Lvant wara li saret it-talba sabiex jitħallsu xi spejjeż li kienu saru fi żmien il-Kumitat Konġunt sabiex isir l-uffiċċju tat-Tribunal.

8.3 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, spjega li l-informazzjoni mitluba ma kinitx korretta u r-Reġjun talab lis-Segretarju tal-Kumitat Konġunt, lis-Sur David Soler, sabiex jagħti rendikont ta' kif intefqu dawn il-flus.

8.5 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li qabel ma jkun hemm dawn id-dokumenti, ma jistax jinħareġ il-pagament.

**Approvazzjoni**

# 9. Approvazzjoni tal-Pagamenti

tal-Pagamenti

9.1 Il-President spjega lill-membri preżenti li qed jitressqu żewġ skedi ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri fejn skeda A tiġbor dawk il-pagamenti li għandhom jinħargu mir-Reġjun u Skeda B tiġbor dawk il-pagamenti li għandhom jitħallsu mil-LESA.

9.2 Il-President kompla jispjega li għalkemm fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun kien hemm qbil sabiex ma jinħarġux il-pagamenti kollha qabel mar-Reġjun jibda jirċievi pagamenti mingħand il-LESA, dan ma jistax ikun peress li r-Reġjun ma jistax ma jħallas kuntratturi u entitajiet oħra.

9.3 Għal din ir-raġuni, is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondata mis-Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Guido Dalli, ressqet mozzjoni biex jiġi approvat il-ħlas tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru 71A u Nru 71B. Il-mozzjoni għaddiet *nem.con*.

# 10. Affarijiet Ohra

Affarijiet Oħra

**10.1** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li nhar it-Tnejn 11 ta' Lulju 2016 saret laqgħa għal Presidenti u s-Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni fejn is-Sur Norbert Ciappara u s-Sur Charles Micallef infurmawna li dan l-aħħar daru l-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta u Għawdex u ndunaw li fl-ebda Kunsill ma kien hemm *risk assessment.* Għal din ir-raġuni kien hemm deċizjoni li kull Reġjun għandu jwassal dan il-messaġ sabiex kull Kunsill Lokali jara li jqabbad kumpanija tal-Health & Safety u jara li l-uffiċċju huwa skont dawn il-prinċipji.

**10.2** Is-Sur Mario Camilleri, mill-kumpanija A.M.E. Health and Safety Servcies, informa lir-Reġjun li ser jagħmel *risk assessment* għal kull Kunsill Lokali li jaqa' taħt dan ir-Reġjun fil-jiem li ġejjin mingħajr ħlas.

**10.3** Il-President irringrazzja lis-Sur Cammilleri għal din l-inizjattiva.

**10.4** Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li fl-Uffiċċju amministrattiv ta' dan ir-Reġjun jinħtieġ li tinxtara intercom. Għal din ir-raġuni l-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-membri.

**10.5** Kien hemm qbil bejn il-membri sabiex l-intercom tinxtara mingħand l-irħas kompetitur. Dik mingħand l-SML.

## 11. Aġġornament



**11.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7:35pm u ġet aġġornata għal nhar it-Tlieta 23 ta' Awwissu 2016, fil-5:30pm.

**Michael Fenech Adami**
*President*

**Jeanette Galea**
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: **23 ta' Awwissu 2016**